MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 106/2012

[Spettur Mario Tonna]
Vs
Darren Sawyer

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Darren Sawyer, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Fis-27 ta' Gunju, 2009 ghall-habta ta' 06 :20hrs fi Triq il-Qaliet, Marsascala, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBQ-762 :

1. B' manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.
2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Tereza Camilleri, skond ma ccertifikat Dr. Claire Bellia M.D. (reg. N. 5113) mill-MDH.
3. U aktar talli xjentament jew bi traskuragni, zamm, fixkel jew qata l-mghodija jew ma halliex skaptu ghall-moghdija ta' vettura f'kull triq li tkun.

4. Kif ukoll, talli regga lura ‘l boghod jew f’izjed milli jkun bilfors mehtieg u naqas li jiehu dawk il-prekawzjonijiet li jkunu mehtiega biex jiskansa habta jew incident ma’ nies jew vetturi ohra fit-triq.
5. Meta kien diehel jew hiereg minn garaxx naqas li jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha li kienu mehtiega biex jiskansa incident u kolluzjonijiet ma vetturi ohra fit-triq.
6. Saq l-istess vettura b’nru. CBQ 762 meta din il-vettura ma kinietx licenzjata sabiex tintuza fit-triq.
7. Saq l-istess vettura meta ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni.

Il-prosekuzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenza tas-sewqan ghal-perjodu li l-Qorit jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Frar, 2012 fejn wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` artikolu 226 tal-Kapitolu 9, artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, u l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, MVR 18 u l-artikolu 72, 77(1) u 81 tal-L.S. 65.11, iddikjarat li kienet qed issib lill-imputat Darren Sawyer hati tal-akkuzi kollha kif adebitati fil-konfront tieghu u ikkundannatu multa komplessiva ta’ elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) li ghandhom jithallsu f’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Ewro (€50). Inoltre ordnat l-iskwalifika ta-licenzji tas-sewqan ghal-perjodu ta’ sena minn dakinhar tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Darren Sawyer pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-5 ta’ Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti w kwindi tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax din il-Qorti giet mitluba tirriforma l-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa ghal-kaz odjern.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Illi l-aggravji huwma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

a. Illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat hu biss haddiem u cioe` impjegat fejn kien qed isuq vettura tal-imghallem tieghu fuq il-lant tax-xoghol. Illi ghalhekk, ghal kull buon fini l-imputat qed jigi akkuzat minn xi nuqqas li jispetta l-imghallem tieghu jekk seta` kien hemm nuqqas ta' hlas ta' polza ta' assikurazzjoni u/jew licenzja tat-triq. Illi f'dan ir-rigward, l-prosekuzjoni helset u ghamlet indagni verament b'mod superficjali liema nuqqas l-imputat qed jigi mitlub jirrespondi meta fil-verita` dan ma kellux ikun.

b. Illi di piu`, jidher car li Theresa Camilleri kienet qed issub b'sahha. Illi dan qed jinghad ghax kif irrizulta mill-provi, hi stess tilfet il-kontroll u skidjat fejn habtet f'zewg karozzi. Illi pero`, li hu rilevanti ghal dan hu l-fatt li l-parti leza ghamlet hekk meta kienet distanza ta' mill-inqas erba` karozzi l-boghod fejn kien l-imputat.

c. Illi punt fundamentali li hareg imma jidher li ma tantx inghatat importanza kienet il-fatt li kienet ghamlet hafna xita biex b'hekk it-triq kienet imxarrba w b'hekk Camilleri kienet ferm irresponsabbli bil-mod li kienet qed issuq fejn wriet nuqqas ta' galbu fil-konfront tas-sitwazzjoni.

d. Illi hu rilevanti fl-incident hu dak li xehed certu Carmelo Attard liema evidenza w prezenza tefghet dawl x'gara jew ma garax. Illi dan qed jinghad ghax ikkonferma li l-imputat ma laqatx lil Theresa Camilleri fejn l-istess Theresa Camilleri lanqas ma tkelmet mal-imputat !

e. Illi min dan jirrizulta b'mod car li l-komportament ta' Theresa Camilleri hi ferm dubjuz tant li irnexxielha titfa' l-attenzjoni tan-nuqqasijiet taghha fuq l-imputat meta fir-realta w wara l-ezami tal-provi, kienet l-istess Theresa Camilleri li kienet irresponsabbli w saqet minghajr kont biex spiccat dahlet f'zewg karozzi fer il-boghod mill-imputat.

f. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fl-ebda stadju ma rrizulta l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat li , fost akkuzi ohra, allegatament saq b'manjiera perikoluza u/jew nuqqas ta' hila jew li xjentement wera nuqqas ta' prekawzjoni ghax kien hemm prezenti Carmelo Attard li kien qed ihares u jaghmel dak mehtieg f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat:

Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tal-elfejn u disgha (2009) fi Triq il-Qaliet, Marsascala, l-appellant kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBQ 762. Ghal habta ta' 16:20 hrs beda jaghmel manuvra ta' reversing u dak il-hin kienet ghaddejja Theresa Camilleri bil-vettura taghha Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni DAN 050. Il-manuvra tal-appellant sorprendiet lil Camilleri illi biex tevita tidhol go fih dahlet f'zewg karozzi ohra ipparkjati. L-appellant gie mixli b'diversi akkuzi in konnessjoni ma' abbuzi fis-sewqan tat-traffiku kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tal-elfejn u tnax (2012) gie misjub hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, ikkundannat ghall-multa ta' elfejn u tlett mitt ewro (€ 2,300) u skwalifika ta' licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba kontra tieghu u ghalhekk kellu jigi liberat mill-akkuzi.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi ngabu quddiemha, però din il-Qorti kellha ukoll l-opportunità tisma' x'uhud mix-xhieda illi xhedu fl-ewwel istanza fosthom Theresa Camilleri illi kienet involuta f'dan l-incident. Dina spjegat illi kienet niezla Triq il-Qaliet, Marsascala, minghajr ma kien hemm karozzi quddiemha izda f'daqqa wahda hareg vann minn sit ta' kostruzzjoni, hasadha, gibdet lejn ix-xellug u baqghet diehla fuq zewg karozzi ipparkjati. Bl-impatt intilfet minn sensiha izda meta giet lura f'sensiha harget mill-karozza. Dak il-hin kienet ghadha kif ghamlet ftit xita, kienet qed issuq bil-mod, però ma setghetx tghid ghaliex intilfet. Migbuda l-attenzjoni tal-verzjoni moghtija minn PS 1330 Schembri fl-affidavit, Theresa Camilleri qalet illi rrakkontat lis-surgent dak illi kienet taf fuq li qalulha x-xhieda però dak li rat huwa dak illi xhedet lill-Qorti.

Fortunatament ghall-Qorti kien hemm xhud okulari illi ra l-incident isir quddiemu u dana kien Joseph Carmel Martin illi ukoll xehed quddiem din il-Qorti fejn dan spjega illi huwa ra l-incident isir ezatt quddiemu fejn dan ra vann

jieqaf tahtu, idawwar id-direzzjoni u jirriversja ghal go drive-in. Veru illi kien hemm ragel qed jaghtih id-direzzjonijiet però dan ma tax kas ta' vetturi illi kienu nezlin jew telghin f'din it-triq. Kien il-vann li imblokka t-triq ghal Theresa Camilleri. Dina ma kinitx qieghda ssuq b'sahhitha, kienet qieghda ssuq bil-mod, kienet fin-naha regolari taghha tat-triq u kien l-appellant fil-vann tieghu li kien qed isuq b'mod erratiku, diehel u hiereg f'dan id-drive-in u jghaqqad ir-roti. Spjega ukoll illi wara illi Camilleri habtet maz-zewg karozzi l-ohra, l-appellant ma tax kas dak illi gara u halla lil Camilleri fil-karozza mitlufa minn sensiha minghajr ma ghamel l-icken attentat biex jara xi gralha. Kien hu mbaghad illi nizel jigri biex itiha l-ewwel ghajnuna izda meta wasal hdejn il-karozza Camilleri lahqet giet f'sensiha.

Il-persuna illi kienet qieghda taghti direzzjonijiet lill-appellant kien Carmelo Attard illi ukoll xehed f'dawn il-proceduri. Dana qal illi huwa kien riekeb fil-vann magenb l-appellant u f'hin minnhom waqfu magenb sit ta' kostruzzjoni. Carmelo Attard nizel mill-vann u mexa lejn in-naha ta' wara u ghalhekk l-incident ma rahx isir peress illi kien wara l-kaxxa dak il-hin. Mar jara x'gara lil Camilleri li kienet ghadha fil-karozza u kellmitu u qallha biex tinzel mill-karozza li ma tmurx tigi xi karozza ohra u tibqa' diehla fiha.

Xehed ukoll Stephen Cachia in rapprezentanza tal-ADT fejn dan xehed li l-vettura li kien qed isuq l-appellant CBQ 762 kienet tghajjat lil certu Joseph Grima u li r-road licence taghha kienet skadiet fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tal-elfejn u disgha (2009) – tlett (3) xhur qabel l-incident.

Xehed ukoll Andrew Pizzuto in rapprezentanza tas-socjetà assikuratrici Middle Sea Insurance fejn stqarr illi l-vann kellu polza maghhom illi skadiet fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tal-elfejn u ghaxra (2010). Din il-polza kienet tkopri kull driver 'il fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena. Irrizulta però illi dakinhar tal-incident l-appellant ma kellux hamsa u ghoxrin (25) sena.

Ikkunsidrat:

Irrizulta minghajr dubbju illi l-vettura illi kien qed isuq l-appellant kellha l-licenzja skaduta u assikurazzjoni mhux imgedda. Di più l-appellant ma kienx awtorizzat skont il-polza li jsuq dik il-karozza. Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi s-sewqan tal-appellant kien wiehed traskurat u perikoluz. Dan waqaf fit-triq u beda jirriversja, jaqsam karreggjata minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji halli ma jkunx ta' ostakolu ghall-vetturi jew utenti ohra tat-triq. Ix-xhud okulari, Joseph Carmel Martin, jaghti deskrizzjoni grafika ta' kif gara dan l-incident meta ra lill-appellant jirriversja l-vann tieghu ghal go drive-in minghajr ma ha prekawzjonijiet biex jassikura illi jista' jaqsam it-triq minghajr periklu. Martin ra lil Theresa Camilleri ssuq fit-triq b'mod galbat u raha tinhasad bil-manuvra tal-appellant illi irriversja b'mod erratiku ghal go drive-in. Camilleri ippruvat izzomm il-brake izda peress illi kienet ghadha kif ghamlet ix-xita u kwindi l-art kienet tizloq, dawwret il-karozza lejn ix-xellug biex ma tahbatx mal-appellant, izda minflok baqghet diehla f'zewg vetturi li kien ipparkjati.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi, "Ma hemmx dubbju li Theresa Camilleri habtet go zewg karozzi illi kienu stazzjonati minhabba s-sewqan perikoluz u traskurat tal-imputat li qabad u ostakola t-triq taghha meta qabad u qasam it-triq u rriversja ghal go drive-in minghajr ma ha prekawzjoni necessarja ghal min kien gej fit-triq. Ghalhekk l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident."

Wara li l-Qorti ezaminat il-provi u semghet ix-xhieda, tasal ghall-istess konkluzjoni u ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Ghalhekk anke fil-kaz tal-piena mhux il-kaz illi l-Qorti tiddisturba d-decizjoni tal-

ewwel Qorti. Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------